StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-*eLearning*
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali tal-Iskejjel Sekondarji 2012**

Rotta 3

| **Il-Ħames Klassi** | **IL-MALTI** | **L-Oral – It-Taħdita** |
|---|---|---|

**(Il-Karta tal-Eżaminatur)**

***Dawn li ġejjin mhumiex "il-mistoqsijiet" li l-eżaminatur għandu jistaqsi lill-kandidati. Iżda dawn qed jingħataw bħala gwida jew spunt għal mistoqsijiet oħra u diskussjoni. Għalhekk, l-eżaminatur jista' jfassal mistoqsijiet u kummenti oħra li jistgħu jwasslu għall-istess għan.***

**(6 marki: 2 marki għat-tagħrif li jingħata; 2 marki għall-għarfien; 2 marki għall-mod ta' espressjoni bil-Malti tal-istudent/a)**

IL-KULTURA: ASPETTI FOLKLORISTIĊI
- Xi tfisser il-kelma 'folklor' għalik?
- Ikkummenta fuq drawwiet folkloristiċi li llum inqatgħu/li għadhom magħna sal-lum.
- Semmi aspett folkloristiku li lilek jolqtok l-aktar.
- F'liema żmien tagħżel li tgħix, fl-imgħoddi jew illum il-ġurnata? Għaliex?
- Qabbel id-drawwiet marbuta mal-imgħoddi u llum ta' waħda minn dawn: mewt, twelid, tieġ.

IL-KULTURA: ASPETTI TA' ŻMIENNA
- X'tifhem bil-kliem "Kultura Maltija"? X'jifforma parti mill-kultura Maltija ta' żmienna?
- Letteratura, Mużika, Żfin, Sports, Divertiment ... tkellem fuq tnejn minn dawn f'Malta ta' żmienna.
- Xi jkun, jew kif ikun, bniedem "kolt" għalik? Għaliex?
- Qabbel żmien l-imgħoddi ma' tal-lum fejn jidħlu tnejn minn dawn: xogħol, djar, ilbies, passatempi, safar, logħob tat-tfal (u kbar), għajxien ...
- Tkellem fuq personalità Maltija li għamlet isem għaliha.
- Arti, pittura, skultura. X'jogħġbok l-aktar? Semmi xi artisti Maltin.

LINGWA: ASPETTI STORIĊI U TA' ŻMIENNA
- Tkellem fuq l-elementi ewlenin li sawru l-Ilsien Malti + mis-silta (jew le) agħti kelma ta' nisel Semitiku, Rumanz u Anglo-Sassonu.
- Huwa ta' vantaġġ illum li tkun taf aktar minn lingwa waħda? Jew il-Malti biss biżżejjed? / Il-lingwi għandhom ikollhom importanza f'ħajjitna? Il-Malti fejn jidħol?
- Is-sbuħija tal-Ilsien Malti.
- Il-mezzi ta' komunikazzjoni (televixin, radju, gazzetti eċċ) qegħdin jgħinu u jsaħħu l-Ilsien Malti? Jew qegħdin idgħajfuh?
- L-importanza tal-bilingwiżmu.
- X'taf tgħid fuq il-Kwistjoni tal-Lingwa li seħħet fis-seklu l-ieħor?
- Taqbel li hawn Malta għandu jkollna żewġ ilsna uffiċjali? Għaliex?
- Mikiel Anton Vassalli – Missier il-Lingwa Maltija.



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-*eLearning*
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali tal-Iskejjel Sekondarji 2012**

Rotta 3

| **Il-Ħames Klassi** | **IL-MALTI** | **L-Oral – Il-Qari** |
|---|---|---|

**(Il-Karta tal-Eżaminatur)**

*Isma' lill-kandidati jaqraw din is-silta u staqsi għall-punti ewlenin tagħha jew verżjoni fil-qosor fi kliemhom. Tinsiex li l-kandidati jistgħu jħarsu lejn il-karta meta jwieġbu, iżda jridu jwieġbu fi kliemhom. Tista' tieħu l-punti ta' hawn taħt bħala gwida biex tara li t-tweġibiet tagħhom juruk li jkunu fehmu u jafu jinterpretaw it-test.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'<u>Malti mitkellem tajjeb</u>)**

## 1 L-Enerġija Alternattiva

**L-elettriċità hija enerġija komda ħafna li nħaddmu permezz ta' swiċċ żgħir, iżda ftit naħsbu dwar xi prezz inħallsu biex ikollna din il-kumdità f'darna. U mhux biss prezz finanzjarju, iżda anke ta' saħħa u ambjentali. Biżżejjed naħsbu fid-dħaħen li joħorġu miċ-ċmieni u fiż-żjut li jinħarqu biex jiġi ġġenerat ammont hekk kbir ta' enerġija.**

**Ftit jafu li apparti l-*power stations* li jaħdmu biż-żejt jew bil-faħam hemm tipi oħra ta' enerġija. Jekk inħarsu fuq il-bjut sirna naraw aġġeġġi metalliċi jleqqu. Huma s-*solar heaters* li jsaħħnu l-ilma permezz tas-sħana tax-xemx. F'xi ġonna jew fl-Università ta' Malta ġieli nilmħu arbli partikolari li jkollhom *panels* żgħar li jaħżnu l-enerġija tax-xemx biex filgħaxija jipprovdu d-dawl, mingħajr il-bżonn ta' *power station* tradizzjonali.**

**Fl-imgħoddi missirijietna kienu jħaddmu l-mitħna tar-riħ biex jitħnu l-qamħ u biex itellgħu l-ilma minn taħt l-art. Illum isir kollox bl-elettriku. Iżda barra minn Malta ilhom snin jużaw il-forza tar-riħ biex jiġġeneraw l-elettriku. Għaliex dan ma jsirx ukoll f'Malta, fejn spiss u regolarment jaħkmu l-irjiħat?**

**(kitba ta' Patrick Sammut)**

*Punti Ewlenin (Gwida)*

- *il-bniedem ma jintebaħx malajr bil-konsegwenzi li l-elettriku jista' jħalli ...*
- *effett fejn jidħlu l-flus (inħallsu d-dawl) ... effett fuq saħħitna minħabba d-duħħan u ż-żjut ...*
- *enerġija alternattiva ...* solar heaters, *li bis-saħħa tax-xemx isaħħnu l-ilma ... u arbli bil-pannelli, li jużaw l-enerġija tax-xemx biex jiġġeneraw id-dawl ...*
- *kif kienu jaħdmu missirijietna fl-imgħoddi ...*
- *barra minn Malta ilhom is-snin twal jużaw ir-riħ biex iġibu l-elettriku ...*



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-*eLearning*
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali tal-Iskejjel Sekondarji 2012**

Rotta 3

| **Il-Ħames Klassi** | **IL-MALTI** | **L-Oral – Il-Qari** |
|---|---|---|

**(Il-Karta tal-Eżaminatur)**

*Isma' lill-kandidati jaqraw din is-silta u staqsi għall-punti ewlenin tagħha jew verżjoni fil-qosor fi kliemhom. Tinsiex li l-kandidati jistgħu jħarsu lejn il-karta meta jwieġbu, iżda jridu jwieġbu fi kliemhom. Tista' tieħu l-punti ta' hawn taħt bħala gwida biex tara li t-tweġibiet tagħhom juruk li jkunu fehmu u jafu jinterpretaw it-test.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'<u>Malti mitkellem tajjeb</u>)**

## 2 Il-Karrozzin u ż-Żiemel

**Darba l-karrozzin kien qisu t-taksi tal-lum, imma ma kienx għali daqskemm hija t-taksi llum. Mid-dehra kulħadd kien jista' jħallas għalih. Kulħadd kien jista' jaffordjah. Imma l-karrozzin ma kienx jgħaġġel daqs it-taksi tal-lum, żgur, għax żiemel wieħed mhux se jlaħħaq ma' tmienja, għaxra jew iżjed li jgħidu li jkollha karozza f'żaqqha, jew fil-magna.**

**Il-karrozzin sabiħ meta jiġri, għax tisimgħu minn seba' mili 'l bogħod bir-roti tiegħu jduru u l-ħadida dawra tond tar-rota tħokk mat-tarmak – jekk ma tkunx qalgħetu x-xita.**

**Meta jiġri xi ġirja, speċjalment meta jkun tiela' xi telgħa u ma jkunx irid jieqaf, tarah jieħu r-rankatura u jibda għaddej qisu għafrid, bil-qanpiena ddoqq. Għax x'inhu karrozzin jekk ma jkollux qanpiena ddoqq? Anke l-*Greenfields* jafuh dan, għax isemmuh fil-kanzunetta tagħhom.**

**(kitba ta' Norbert Ellul-Vincenti)**

***Punti Ewlenin (Gwida)***

- *karrozzin imqabbel ma' taksi ... għaliex?*
- *irħis*
- *il-karrozzin sabiħ meta jkun għaddej b'qawwa*
- *tisimgħu mill-bogħod ... minħabba l-ħadida tonda tar-rota li tmiss mat-tarmak ...*
- *imqabbel ma' għafrid ... bil-qanpiena ddoqq ... karatteristika speċjali tal-karrozzin ...*
- *Il-*Greenfields *għandhom kanzunetta fuq il-karrozzin*



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-*eLearning*
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali tal-Iskejjel Sekondarji 2012**

Rotta 3

StudentBounty.com

| Il-Ħames Klassi | IL-MALTI | L-Oral – Il-Qari |
|---|---|---|

**(Il-Karta tal-Eżaminatur)**

*Isma' lill-kandidati jaqraw din is-silta u staqsi għall-punti ewlenin tagħha jew verżjoni fil-qosor fi kliemhom. Tinsiex li l-kandidati jistgħu jħarsu lejn il-karta meta jwieġbu, iżda jridu jwieġbu fi kliemhom. Tista' tieħu l-punti ta' hawn taħt bħala gwida biex tara li t-tweġibiet tagħhom juruk li jkunu fehmu u jafu jinterpretaw it-test.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'<u>Malti mitkellem tajjeb</u>)**

## 3 Il-Gżira ta' Kreta

**Fl-aqwa taċ-ċiviltà tagħha, Kreta kienet renju li tikkontrolla l-ibħra ta' madwarha b'relazzjonijiet importanti fil-qasam kummerċjali u diplomatiku mal-Fargħuni tal-Eġittu. L-abitanti kienu jħossuhom sikuri f'pajjiżhom u għalhekk kienu nies hienja. L-industriji kbar tal-metall u l-fuħħar kienu jipprovdulhom ix-xogħol filwaqt li tipproteġihom kien hemm flotta qawwija ta' xwieni li nbnew mill-ħafna siġar fuq din l-art. Għamlu avvanzi kbar ukoll minħabba l-mexxejja qawwija u ġusti li kellhom flimkien mal-għorrief. Dan kollu jixhduh it-tpinġijiet li hemm mal-ħitan tal-fdalijiet ta' Knossu.**

**Kreta, bħal bosta nħawi oħra fil-Greċja, għandha marbuta magħha għadd ta' leġġendi. L-aktar magħrufa fosthom hi dik tal-Labirint u l-Minotawru. Għax tant kienet kbira l-qawwa ta' Kreta fl-imgħoddi li saħansitra n-nies ta' Ateni kienu jirrakkuntaw stejjer lil uliedhom , li nieshom ta' kull sena kellhom jibagħtu għadd ta' żgħażagħ u tfajliet lil dak il-mostru mitiku li kien jgħix qalb il-ħafna katakombi tal-Labirint. U minn hawn nibtet il-figura mitika ta' Tesew biex jeħles lin-nies ta' Ateni milli jkunu umiljati b'dan il-mod.**

**(kitba ta' Alfred Ellul Galea)**

***Punti Ewlenin (Gwida)***

- *Fl-aqwa tagħha Kreta kienet qawwija ħafna*
- *kummerċjalment u diplomatikament kellha relazzjonijiet tajba ħafna*
- *kif iħossuhom l-abitanti ...*
- *ix-xogħol ...*
- *flotta qawwija ... kif inbniet ...*
- *mexxejja b'saħħithom u jafu kif imexxu pajjiż*
- *l-aktar leġġenda magħrufa (tal-Labirint u l-Minotawru) ...*



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com



**(Il-Karta tal-Eżaminatur)**

*Isma' lill-kandidati jaqraw din is-silta u staqsi għall-punti ewlenin tagħha jew verżjoni fil-qosor fi kliemhom. Tinsiex li l-kandidati jistgħu jħarsu lejn il-karta meta jwieġbu, iżda jridu jwieġbu fi kliemhom. Tista' tieħu l-punti ta' hawn taħt bħala gwida biex tara li t-tweġibiet tagħhom juruk li jkunu fehmu u jafu jinterpretaw it-test.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'<u>Malti mitkellem tajjeb</u>)**

## 4 Il-ħafna burdati ta' Fuq il-Fosos

**Il-misraħ kbir magħruf bħala Fuq il-Fosos mhuwiex biss l-akbar firxa fil-Furjana; huwa wkoll il-post fejn saru wħud mill-akbar laqgħat fl-istorja politika u reliġjuża ta' Malta. Hemm saru l-akbar wirjiet ta' forza numerika kemm mill-partiti politiċi u kemm mill-Knisja Kattolika. Il-mexxejja tal-partiti u l-kapijiet tal-ġerarkija ekkleżjastika sikwit dehrilhom li kellhom jiltaqgħu għad-dwell, f'ħinijiet differenti, hemmhekk, bil-folla warajhom. Kwistjoni ta' numri, kwistjoni ta' spazju. Minn laqgħat ta' qima sa laqgħat ta' sfida, hemm mar bi ħġaru l-poplu Malti biex jieħu s-sens ta' x'inhu 'l-akbar', jiġifieri 'l-aħjar'. L-akbar, l-akbar, il-kelma maġika ta' pajjiż li hu fost l-iċken. Ħaġa naturali; l-opposti jiġbdu lil xulxin, u jixxiebhu, jew huma 'bħal' xulxin. Fil-prattika, dik il-pjazza mhi leali lejn ħadd partikulari għaliex tilqa' lil kulħadd. Hi pjazza ta' ħafna burdati differenti, anki burdati kontra xulxin.**

**Għan-nies tal-Furjana, madankollu, Fuq il-Fosos kien ifisser ħaġa waħda, tul is-sena kollha, għal kulħadd. Divertiment sempliċi, irħis, demokratiku, fejn in-nies jiltaqgħu man-nies biex jirrealizzaw li lkoll jinsabu f'baħar wieħed.**

**(Silta meħuda mir-rumanz "*Fjuri li ma Jinxfux*" ta' Oliver Friggieri)**

***Punti Ewlenin (Gwida)***

- *x'sar Fuq il-Fosos ...*
- *għaliex?*
- *il-poplu Malti dejjem mar bi ħġaru hemm ... biex jisma' ...*
- *pjazza ta' burdati ... li tilqa' lil kulħadd fiha ...*
- *xi tfisser għan-nies tal-Furjana*



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-*eLearning*
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali tal-Iskejjel Sekondarji 2012**

Rotta 3

| **Il-Ħames Klassi** | **IL-MALTI** | **L-Oral – Il-Qari** |
|---|---|---|

**(Il-Karta tal-Eżaminatur)**

*Isma' lill-kandidati jaqraw din is-silta u staqsi għall-punti ewlenin tagħha jew verżjoni fil-qosor fi kliemhom. Tinsiex li l-kandidati jistgħu jħarsu lejn il-karta meta jwieġbu, iżda jridu jwieġbu fi kliemhom. Tista' tieħu l-punti ta' hawn taħt bħala gwida biex tara li t-tweġibiet tagħhom juruk li jkunu fehmu u jafu jinterpretaw it-test.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'<u>Malti mitkellem tajjeb</u>)**

## 5 Il-Gamiema

**Il-gamiem issibu kważi mal-Ewropa kollha. Kull fejn tgħix il-gamiema hija għasfur popolari. Sfortunatament f'Malta hija popolari aktar mal-kaċċaturi milli mal-pubbliku. Fi żmien il-passa l-gamiema hija għasfur komuni iżda ftit huma dawk li jirnexxilhom jarawha. Dan minħabba li hekk kif il-gamiem jasal għajjien minn vjaġġ twil u diffiċli jsibu min hu lest għalih biex jikkaċċjah u lanqas ikollu ċans jinżel jistrieħ.**

**Il-kliem "gamiema" u "ħamiema" jixxiebhu ħafna għax fil-fatt dawn iż-żewġ għasafar jiġu minn xulxin. Fid-dinja nsibu numru mdaqqas ta' speċi ta' ħamiem u gamiem. Id-differenza bejniethom hi li l-ħamiem ikun akbar mill-gamiem. Karatteristika ta' din l-ispeċi hija li fi griżmejhom għandhom glandoli li jipproduċu likwidu abjad qisu ħalib li jisquh lill-frieħ meta jkunu għadhom fil-bejta. Din il-glandola nsibuha wkoll fil-fjamingu u fi speċi waħda ta' pingwin.**

**Tkun ħaġa sabiħa kieku f'Malta wkoll jibda jkollna gamiem ibejjet. Meta jiġri dan, il-kampanja Maltija tkun aktar sinjura u aħna nkunu nistgħu ngawdu minn din ir-rikkezza kull darba li nżuru l-kampanja.**

**(kitba ta' Paul Portelli, 2003)**

***Punti Ewlenin (Gwida)***

- *il-gamiema hija għasfur popolari*
- *Malta sfortunatament tinqatel mill-kaċċaturi ... tinqatel mill-ewwel kif tasal ...*
- *il-gamiem u l-ħamiem jiġu minn xulxin*
- *id-differenza bejniethom*
- *karatteristika partikulari tal-gamiem hija l-glandola li għandhom fi griżmejhom ...*
- *aħna bħala pajjiż inkunu aktar sinjuri jekk il-gamiem jirnexxilu jbejjet fostna*



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-*eLearning*
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali tal-Iskejjel Sekondarji 2012**

Rotta 3

| **Il-Ħames Klassi** | **IL-MALTI** | **L-Oral – Il-Qari** |
|---|---|---|

**(Il-Karta tal-Eżaminatur)**

*Isma' lill-kandidati jaqraw din is-silta u staqsi għall-punti ewlenin tagħha jew verżjoni fil-qosor fi kliemhom. Tinsiex li l-kandidati jistgħu jħarsu lejn il-karta meta jwieġbu, iżda jridu jwieġbu fi kliemhom. Tista' tieħu l-punti ta' hawn taħt bħala gwida biex tara li t-tweġibiet tagħhom juruk li jkunu fehmu u jafu jinterpretaw it-test.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb)**

## 6 L-Għaqda tat-Trobbija tal-Ħut

**L-għan ewlieni tal-għaqda huwa li t-tagħrif u l-esperjenzi li wieħed jakkwista matul is-snin jaqsamhom ma' sħabu biex b'hekk kull membru tal-għaqda javvanza u jispeċjalizza aktar f'dan id-delizzju, b'sodisfazzjon akbar għalih personali u għal sħabu l-membri. U biex jagħmel dan l-għaqda tgħinu kif tista', billi toffri diversi faċilitajiet. Fost dawn wieħed isib librerija attrezzata b'diversi kotba u rivisti barranin, fejn isib ħafna materjal interessanti. Il-membri jiġu mgħarrfin bl-aħħar aġġornamenti, permezz ta' rivista bl-isem ta' *Ilma Ċar*, li tintbagħat lill-membri kollha kull xahar. Il-klabb huwa fornut tajjeb b'aċċessorji, ikel u affarijiet oħra ta' ditti magħrufa konnessi mad-delizzju. Fl-aħħar, u żgur mhux l-inqas, il-klabb jiftaħ erba' darbiet fil-ġimgħa, u joffri għajnuna professjonali mill-membri, li dejjem lesti li jgħinu bil-pariri tagħhom.**

**L-akbar attività organizzata hija żgur il-wirja annwali tal-ħut tropikali. Kull dilettant ikun ilu s-sena kollha jipprepara l-ħut tiegħu għal dan l-avveniment hekk importanti fil-kalendarju tal-għaqda.**

**(kitba ta' Jonathan Theuma)**

***Punti Ewlenin (Gwida)***

- *il-membri jaqsmu l-għerf akkumulat matul is-snin ma' xulxin*
- *kulħadd isir aktar għaref f'dan il-qasam*
- *għandhom għadd ta' faċilitajiet ... lilbrerija ... b'kotba u rivisti ...*
- *mhux neqsin mill-aċċessorji meħtieġa għal min hu dilettant ta' dan id-delizzju*
- *il-klabb jiftaħ ta' spiss matul il-ġimgħa*
- *kulħadd jistenna l-aqwa attività tal-għaqda ... il-wirja annwali tal-ħut tropikali*
- *ikunu ilhom is-sena kollha jħejju għaliha*



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-*eLearning*
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali tal-Iskejjel Sekondarji 2012**

Rotta 3

| Il-Ħames Klassi | IL-MALTI | L-Oral – Il-Qari |
|---|---|---|

**(Il-Karta tal-Istudenti)**

- **Aqra sew din is-silta, u wara agħti l-punti ewlenin tagħha *__fi kliemek.__***

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'__Malti mitkellem tajjeb__)**

## 1 L-Enerġija Alternattiva

**L-elettriċità hija enerġija komda ħafna li nħaddmu permezz ta' swiċċ żgħir, iżda ftit naħsbu dwar xi prezz inħallsu biex ikollna din il-kumdità f'darna. U mhux biss prezz finanzjarju, iżda anke ta' saħħa u ambjentali. Biżżejjed naħsbu fid-dħaħen li joħorġu miċ-ċmieni u fiż-żjut li jinħarqu biex jiġi ġġenerat ammont hekk kbir ta' enerġija.**

**Ftit jafu li apparti l-*power stations* li jaħdmu biż-żejt jew bil-faħam hemm tipi oħra ta' enerġija. Jekk inħarsu fuq il-bjut sirna naraw aġġeġġi metalliċi jleqqu. Huma s-*solar heaters* li jsaħħnu l-ilma permezz tas-sħana tax-xemx. F'xi ġonna jew fl-Università ta' Malta ġieli nilmħu arbli partikolari li jkollhom *panels* żgħar li jaħżnu l-enerġija tax-xemx biex filgħaxija jipprovdu d-dawl, mingħajr il-bżonn ta' *power station* tradizzjonali.**

**Fl-imgħoddi missirijietna kienu jħaddmu l-mitħna tar-riħ biex jitħnu l-qamħ u biex itellgħu l-ilma minn taħt l-art. Illum isir kollox bl-elettriku. Iżda barra minn Malta ilhom snin jużaw il-forza tar-riħ biex jiġġeneraw l-elettriku. Għaliex dan ma jsirx ukoll f'Malta, fejn spiss u regolarment jaħkmu l-irjiħat?**

**(kitba ta' Patrick Sammut)**



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com



**(Il-Karta tal-Istudenti)**

- **Aqra sew din is-silta, u wara agħti l-punti ewlenin tagħha *fi kliemek.***

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb)**

## 2 Il-Karrozzin u ż-Żiemel

**Darba l-karrozzin kien qisu t-taksi tal-lum, imma ma kienx għali daqskemm hija t-taksi llum. Mid-dehra kulħadd kien jista' jħallas għalih. Kulħadd kien jista' jaffordjah. Imma l-karrozzin ma kienx jgħaġġel daqs it-taksi tal-lum, żgur, għax żiemel wieħed mhux se jlaħħaq ma' tmienja, għaxra jew iżjed li jgħidu li jkollha karozza f'żaqqha, jew fil-magna.**

**Il-karrozzin sabiħ meta jiġri, għax tisimgħu minn seba' mili 'l bogħod bir-roti tiegħu jduru u l-ħadida dawra tond tar-rota tħokk mat-tarmak – jekk ma tkunx qalgħetu x-xita.**

**Meta jiġri xi ġirja, speċjalment meta jkun tiela' xi telgħa u ma jkunx irid jieqaf, tarah jieħu r-rankatura u jibda għaddej qisu għafrid, bil-qanpiena ddoqq. Għax x'inhu karrozzin jekk ma jkollux qanpiena ddoqq? Anke l-*Greenfields* jafuh dan, għax isemmuh fil-kanzunetta tagħhom.**

**(kitba ta' Norbert Ellul-Vincenti)**



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-*eLearning*
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali tal-Iskejjel Sekondarji 2012**

Rotta 3

| **Il-Ħames Klassi** | **IL-MALTI** | **L-Oral – Il-Qari** |
|---|---|---|

**(Il-Karta tal-Istudenti)**

- **Aqra sew din is-silta, u wara agħti l-punti ewlenin tagħha *fi kliemek.***

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb)**

## 3 Il-Gżira ta' Kreta

**Fl-aqwa taċ-ċiviltà tagħha, Kreta kienet renju li tikkontrolla l-ibħra ta' madwarha b'relazzjonijiet importanti fil-qasam kummerċjali u diplomatiku mal-Fargħuni tal-Eġittu. L-abitanti kienu jħossuhom sikuri f'pajjiżhom u għalhekk kienu nies hienja. L-industriji kbar tal-metall u l-fuħħar kienu jipprovdulhom ix-xogħol filwaqt li tipproteġihom kien hemm flotta qawwija ta' xwieni li nbnew mill-ħafna siġar fuq din l-art. Għamlu avvanzi kbar ukoll minħabba l-mexxejja qawwija u ġusti li kellhom flimkien mal-għorrief. Dan kollu jixhduh it-tpinġijiet li hemm mal-ħitan tal-fdalijiet ta' Knossu.**

**Kreta, bħal bosta nħawi oħra fil-Greċja, għandha marbuta magħha għadd ta' leġġendi. L-aktar magħrufa fosthom hi dik tal-Labirint u l-Minotawru. Għax tant kienet kbira l-qawwa ta' Kreta fl-imgħoddi li saħansitra n-nies ta' Ateni kienu jirrakkuntaw stejjer lil uliedhom , li nieshom ta' kull sena kellhom jibagħtu għadd ta' żgħażagħ u tfajliet lil dak il-mostru mitiku li kien jgħix qalb il-ħafna katakombi tal-Labirint. U minn hawn nibtet il-figura mitika ta' Tesew biex jeħles lin-nies ta' Ateni  milli jkunu umiljati  b'dan il-mod.**

**(kitba ta' Alfred Ellul Galea)**



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com



**(Il-Karta tal-Istudenti)**

- **Aqra sew din is-silta, u wara agħti l-punti ewlenin tagħha *__fi kliemek.__***

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'__Malti mitkellem tajjeb__)**

## 4 Il-ħafna burdati ta' Fuq il-Fosos

**Il-misraħ kbir magħruf bħala Fuq il-Fosos mhuwiex biss l-akbar firxa fil-Furjana; huwa wkoll il-post fejn saru wħud mill-akbar laqgħat fl-istorja politika u reliġjuża ta' Malta. Hemm saru l-akbar wirjiet ta' forza numerika kemm mill-partiti politiċi u kemm mill-Knisja Kattolika. Il-mexxejja tal-partiti u l-kapijiet tal-ġerarkija ekkleżjastika sikwit dehrilhom li kellhom jiltaqgħu għad-dwell, f'ħinijiet differenti, hemmhekk, bil-folla warajhom. Kwistjoni ta' numri, kwistjoni ta' spazju. Minn laqgħat ta' qima sa laqgħat ta' sfida, hemm mar bi ħġaru l-poplu Malti biex jieħu s-sens ta' x'inhu 'l-akbar', jiġifieri 'l-aħjar'. L-akbar, l-akbar, il-kelma maġika ta' pajjiż li hu fost l-iċken. Ħaġa naturali; l-opposti jiġbdu lil xulxin, u jixxiebhu, jew huma 'bħal' xulxin. Fil-prattika, dik il-pjazza mhi leali lejn ħadd partikulari għaliex tilqa' lil kulħadd. Hi pjazza ta' ħafna burdati differenti, anki burdati kontra xulxin.**

**Għan-nies tal-Furjana, madankollu, Fuq il-Fosos kien ifisser ħaġa waħda, tul is-sena kollha, għal kulħadd. Divertiment sempliċi, irħis, demokratiku, fejn in-nies jiltaqgħu man-nies biex jirrealizzaw li lkoll jinsabu f'baħar wieħed.**

**(Silta meħuda mir-rumanz *"Fjuri li ma Jinxfux"* ta' Oliver Friggieri)**



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-*eLearning*
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali tal-Iskejjel Sekondarji 2012**

Rotta 3

| **Il-Ħames Klassi** | **IL-MALTI** | **L-Oral – Il-Qari** |
|---|---|---|

**(Il-Karta tal-Istudenti)**

- **Aqra sew din is-silta, u wara agħti l-punti ewlenin tagħha *<u>fi kliemek.</u>***

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'<u>Malti mitkellem tajjeb</u>)**

## 5 Il-Gamiema

**Il-gamiem issibu kważi mal-Ewropa kollha. Kull fejn tgħix il-gamiema hija għasfur popolari. Sfortunatament f'Malta hija popolari aktar mal-kaċċaturi milli mal-pubbliku. Fi żmien il-passa l-gamiema hija għasfur komuni iżda ftit huma dawk li jirnexxilhom jarawha. Dan minħabba li hekk kif il-gamiem jasal għajjien minn vjaġġ twil u diffiċli jsibu min hu lest għalih biex jikkaċċjah u lanqas ikollu ċans jinżel jistrieħ.**

**Il-kliem "gamiema" u "ħamiema" jixxiebhu ħafna għax fil-fatt dawn iż-żewġ għasafar jiġu minn xulxin. Fid-dinja nsibu numru mdaqqas ta' speċi ta' ħamiem u gamiem. Id-differenza bejniethom hi li l-ħamiem ikun akbar mill-gamiem. Karatteristika ta' din l-ispeċi hija li fi griżmejhom għandhom glandoli li jipproduċu likwidu abjad qisu ħalib li jisquh lill-frieħ meta jkunu għadhom fil-bejta. Din il-glandola nsibuha wkoll fil-fjamingu u fi speċi waħda ta' pingwin.**

**Tkun ħaġa sabiħa kieku f'Malta wkoll jibda jkollna gamiem ibejjet. Meta jiġri dan, il-kampanja Maltija tkun aktar sinjura u aħna nkunu nistgħu ngawdu minn din ir-rikkezza kull darba li nżuru l-kampanja.**

**(kitba ta' Paul Portelli, 2003)**



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-*eLearning*
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali tal-Iskejjel Sekondarji 2012**

Rotta 3

| Il-Ħames Klassi | IL-MALTI | L-Oral – Il-Qari |
|---|---|---|

**(Il-Karta tal-Istudenti)**

- **Aqra sew din is-silta, u wara agħti l-punti ewlenin tagħha *fi kliemek.***

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb)**

## 6 L-Għaqda tat-Trobbija tal-Ħut

**L-għan ewlieni tal-għaqda huwa li t-tagħrif u l-esperjenzi li wieħed jakkwista matul is-snin jaqsamhom ma' sħabu biex b'hekk kull membru tal-għaqda javvanza u jispeċjalizza aktar f'dan id-delizzju, b'sodisfazzjon akbar għalih personali u għal sħabu l-membri. U biex jagħmel dan l-għaqda tgħinu kif tista', billi toffri diversi faċilitajiet. Fost dawn wieħed isib librerija attrezzata b'diversi kotba u rivisti barranin, fejn isib ħafna materjal interessanti. Il-membri jiġu mgħarrfin bl-aħħar aġġornamenti, permezz ta' rivista bl-isem ta' *Ilma Ċar*, li tintbagħat lill-membri kollha kull xahar. Il-klabb huwa fornut tajjeb b'aċċessorji, ikel u affarijiet oħra ta' ditti magħrufa konnessi mad-delizzju. Fl-aħħar, u żgur mhux l-inqas, il-klabb jiftaħ erba' darbiet fil-ġimgħa, u joffri għajnuna professjonali mill-membri, li dejjem lesti li jgħinu bil-pariri tagħhom.**

**L-akbar attività organizzata hija żgur il-wirja annwali tal-ħut tropikali. Kull dilettant ikun ilu s-sena kollha jipprepara l-ħut tiegħu għal dan l-avveniment hekk importanti fil-kalendarju tal-għaqda.**

**(kitba ta' Jonathan Theuma)**



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-*eLearning*
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali tal-Iskejjel Sekondarji 2012**

Rotta

| IL-ĦAMES KLASSI | IL-MALTI | IL-ĦIN: SAGĦTEJN |
|---|---|---|

L-Isem: ______________________ Il-Klassi: _________

**ISTRUZZJONIJIET LILL-KANDIDAT/A:**

1. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub/a.
2. Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.

**GĦALL-UŻU TAL-GĦALLIEMA**

**L-ISKEMA TAL-MARKI**

| Mistoqsija | A | B | Ċ | D | E | F | Oral | **Total** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marki | 10 | 19 | 7 | 4 | 30 | 20 | 10 | 100 |
| Marki tal-istudent/a | | | | | | | | |

**KUMMENTI**

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

## SILTA GĦALL-ISTĦARRIĠ

Aqra sewwa din is-silta, u wara wieġeb il-mistoqsijiet:

### IL-GALLARIJA MALTIJA

Il-gallarija Maltija hija mezz ta' komunikazzjoni, għax tgħid lil kulħadd mhux biss li hija Maltija minn ruħha sa ġisimha, imma wkoll li hawn qegħdin Malta. Malta biss setgħu jivvintaw il-gallarija. Qed ngħid għall-gallarija Maltija, għax hawn gallariji oħrajn. Imma bħal tagħna, imkien. *(par. 1)*

Anke l-istess kelma titkessaħ bil-ksuħat Malti, għax l-Italja, meta tgħid *galleria*, tfisser *tunnel* jew passaġġ madwar jew ġo xi muntanja. Franza, il-kelma tfisser xi *supermarket* minn dawk il-kbar, bħal *Galerie La Fayette*. Imma Malta, gallarija hija post fejn tgħarrex fuq id-dinja u tkun mgħarrex minn min ikun għaddej. Għalhekk il-gallarija hija mezz ta' komunikazzjoni. *(par. 2)*

Hemm min jgħid li l-ewwel gallarija kienet dik tal-palazz, twila twila, biex il-Gran Mastru seta' jispjuna fuq il-kavallieri jippassiġġaw taħtu. Oħrajn jgħidu li l-forma tagħha ġejja mill-gallarija dekorata bid-deheb li kien ikollhom ix-xwieni nobbli tal-qedem. Hemm ħafna gallariji fil-kantunieri tal-Belt li jfakkruk fix-xwieni. Dari konna ngħixu fil-gallariji. Tħares u tara l-ħajja għaddejja taħtek. *(par. 3)*

Min jaf kemm hawn nies li ma jistgħux joħorġu minħabba l-mard jew ix-xjuħija, u għalhekk jgħixu fil-gallarija! Ġieli jkollhom imħadda, irrakkmata jew le, biex iserrħu minkbejhom fuqha mingħajr ma jagħmlu s-singi fuq il-ġilda. *(par. 4)*

Il-gallarija hija fraġli daqs kemm hija b'saħħitha. Minn hemm tista' tagħmel gwerra ta' tqassis, malafama, informazzjoni mlewna dwar dak u dwar l-ieħor, bl-aktar mod anti-Kristjan li tista'. Imma fl-istess waqt, il-gallarija hija fraġli, għax daqqa ta' ġebla tagħmillek ħafna frak tal-ħġieġ, u tagħtik spiża. U forsi toħloqlok ħafna kurrent ukoll, u kesħa, sakemm terġa' tagħmel il-ħġieġa, jew twaħħal kartuna. *(par. 5)*

Forsi l-aktar kulur sabiħ għall-gallarija hawn Malta huwa l-aħmar. Tara ħafna minnhom. *(par. 6)*

(addattament liberu ta' kitba ta' Norbert Ellul Vincenti, li dehret fil-ħarġa ta' Mejju 2007, għadd 287, tas-*Sagħtar*)

## A. FEHIM IT-TEST (10 marki)

Aqra sew dawn il-mistoqsijiet, imbagħad wara wieġeb ***fi kliemek***.

1. Għaliex il-kittieb jgħid li *Malta biss setgħu jivvintaw il-gallarija (par. 1)*?

_______________________________________________ (marka)

2. F'pajjiżi oħra l-kelma 'gallarija' ma għandhiex l-istess tifsira bħal tagħna. Xi tfisser għalihom?

_______________________________________________

_______________________________________________ (2 marki)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

3. Il-gallarija hija mezz ta' komunikazzjoni. Għaliex?

______________________________ (m

4. Skont il-kittieb, il-gallarija Maltija hija (a) fraġli u mhix b'saħħitha, (b) tajba biex tara l-ħajja għaddejja. Liema minn dawn it-tnejn mhix it-tajba?

______________________________ (marka)

5. Il-forma tal-gallarija minn fejn jaħsbu li ġejja xi wħud?

______________________________

______________________________ (marka)

6. Il-gallarija taf tkun ta' wens għal xi wħud. Għal min u għaliex?

______________________________

______________________________ (2 marki)

7. Liema huwa l-kuntrast li nsibu fil-ħames paragrafu?

______________________________

______________________________ (2 marki)

## B. GĦARFIEN IL-LINGWA (19-il marka)

**GRAMMATIKA U MORFOLOĠIJA**

1. Sib u ikteb: (4 marki)

a. verb irregolari *(par. 1)*: ______________________________

b. parteċipju passiv *(par. 2)*: ______________________________

ċ. nom fis-singular kollettiv *(par. 3)*: ______________________________

d. nom astratt *(par. 4)*: ______________________________

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

2. Wieġeb:

| | |
|---|---|
| a. *jivvintaw (par. 1)* huwa verb (a) Semitiku, (b) Rumanz jew (ċ) Ħamitiku? | a. |
| b. *titkessaħ (par. 2)* huwa verb (a) fil-ħames forma, (b) fis-seba' forma jew (ċ) fit-tieni forma? | b. |
| ċ. l-għerq ta' *tara (par. 3)* huwa (a) t – r – j, (b) r – għ – j jew (ċ) r – alif – j? | ċ. |
| d. *mlewna (par. 5)* huwa (a) nom mimmat, (b) partiċipju passiv jew (ċ) nom fid-diminuttiv? | d. |

**LESSIKU / VOKABULARJU**

3. Fisser skont is-silta. (3 marki)

| | |
|---|---|
| a. *passaġġ (par. 2)* | a. |
| b. *dekorata (par. 3)* | b. |
| ċ. *singi (par. 4)* | ċ. |

4. Agħti kelma oħra/kliem ieħor bl-istess tifsira: (4 marki)

| | |
|---|---|
| a. *jivvintaw (par. 1)* | a. |
| b. *tgħarrex (par. 2)* | b. |
| ċ. *tqassis (par. 5)* | ċ. |
| d. *kulur (par. 6)* | d. |

**ANALIŻI TESTWALI**

5. Il-pronom mehmuż ***ha*** fil-kliem *ruħ**ha** sa ġisim**ha** (par. 1)* għal xiex qiegħed jirreferi?

______________________________________________________________ (marka)

6. *jfakkru**k** (par. 3)* – il-***k*** ta' wara tissejjaħ suffiss pronominali/prefiss tal-forma/infiss tat-tieni persuna plural/it-tielet persuna singular/it-tieni persuna singular. ***(Immarka t-tajbin)***

(2 marki)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**SINTASSI**

7. Ikteb l-aħħar sentenza ta’ paragrafu erbgħa f’żewġ sentenzi b’tali mod li ma tbiddilx is-sens tagħha.

_______________________________________________

_______________________________________________ (marka)

## Ċ. ĦILIET FIL-MALTI KOMUNIKATTIV (7 marki)

Agħżel ***waħda*** minn a, b u ċ u ikteb madwar **80 kelma** fuq karta separata.

a. Agħti taqsira, ***fi kliemek***, tas-silta *“Il-Gallarija Maltija*”.

b. Għadha kemm mietet omm il-Kap tal-iskola tiegħek. Inti ħadtha f’idejk li tiktiblu/tiktbilha ittra f’isem l-iskola kollha billi inti l-President/a tal-Kunsill tal-istudenti tal-iskola. Ikteb ittra biex turi s-sogħba u s-solidarjetà tagħkom mal-Kap.

ċ. Għadha kemm intemmet diskussjoni fl-Unjoni Ewropea fuq il-qagħda tal-kaċċa f’Malta. Inti l-ġurnalist/a li tinsab hemm fis-sala. Ikteb rapport fuq x’intqal.

## D. L-ASPETT SIMBOLIKU FL-ISFOND LINGWISTIKU POPOLARI (4 marki)

a. Daħħal iż-żewġ idjomi ta’ hawn taħt f’sentenza (***waħda għal kull idjoma***) biex turi ċar it-tifsira tagħhom: (2 marki)

jagħtiha l-kulur:

_______________________________________________

jilgħabha tal-ors:

_______________________________________________

b. Kompli dan il-qawl u fissru: Il-ġarra ġejja u sejra ____________________

Tifsira: _______________________________________________

(2 marki)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

## E. LETTERATURA: *QAWSALLA*

**a. Aqra sewwa din is-silta minn poeżija, meħuda mit-Taqsima *Tifkiriet*, imbagħa wieġeb il-mistoqsijiet ta' taħt.**

Għadni niftakar sew: kont nistħajjilni
ċkejken daqs ħolqa, inżiġġ u ntir u ngħaddi
ħafif minn kullimkien;
indaqqas miegħi l-irqaq dud u ħxejjex;
nitwaħħad hieni m'għaġeb il-ħolqien;
inserriplek man-nemel, jew ninżara'
u ninbet dik ix-xitla li nkun żrajt;
issa f'farfett ninbidel
kollni tiżwiq u lwien;
issa ndonn li t'għasfur rabbejt il-ġwienaħ
u fil-għoli, fl-għoli tlajt.

Mistrieħ imbagħ'd ġo soddti,
ħallih il-lejl ħolliemi
quddiem għajnejja magħluqin jifrixli
għeġubijiet li jisbqu 'l ta' bi Nhar:
naħal imleflef fil-bellus iżanżan
u jsoff l-għasel mill-ward li nżomm fi ħdani;
għasafar ħelwa jħaxwxu f'xuxti u jgħannu
għanja fuq oħra bl-oħla lsien fuqani;
sħab abjad, mieles u ħafif jistorni
u jkebbibni ġo fih bħal ġo liżar.

1. Minn liema poeżija hija meħuda din is-silta? U min kitibha?

__________________________________________________ (marka)

2. Ikkummenta fuq il-metrika ta' din is-silta.

__________________________________________________

__________________________________________________

__________________________________________________

__________________________________________________ (3 marki)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

3. Fisser dan li ġej skont kif użat fis-silta:

| | |
|---|---|
| a. *ndonn* (v. 10) | a. |
| b. *ħolliemi* (v. 13) | b. |
| ċ. *jisbqu* (v. 15) | ċ. |

(3 marki)

4. Għid x'hemm eżatt wara din is-silta fil-poeżija nnifisha.

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________ (2 marki)

5. Sib u ikteb il-Figura tat-Taħdit li nsibu fl-ewwel tliet versi. Xi jrid jgħid biha l-poeta?

______________________________________________________________

______________________________________________________ (2 marki)

6. Għaliex taħseb li din il-poeżija, li tagħha din is-silta hija parti, għandha tagħmel sehem mit-taqsima *Tifkiriet*?

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________ (3 marki)

**b. Il-Komponiment Letterarju.**

Wieġeb mistoqsija ***waħda*** minn dawn it-tnejn. Ikteb madwar **200 kelma** fuq karta separata.

(16-il marka)

i. Il-ġrajjiet li għaddiet minnhom Malta tassew juru l-kuraġġ u l-karattru tal-poplu Malti. Ikkummenta billi tagħmel referenza għal mill-inqas żewġ siltiet mit-Taqsima *Ġrajja u Identità*.

ii. Il-ħajja hija sabiħa għax fiha niltaqgħu ma' għadd ta' karattri lkoll differenti minn xulxin. Ikkummenta billi tagħmel referenza għal mill-inqas żewġ xogħlijiet fit-taqsima *Karattri*.

www.StudentBounty.com
·Homework Help & Pastpapers

## F. KOMPONIMENT

Agħżel ***wieħed***, u ikteb madwar **350 kelma** fuq karta separata.

1. Fl-isqaq ta' wara n-nanna
2. Uġigħ il-qalb
3. Il-Belt Valletta – fis-sena 2150
4. Baħħ! Nisa biss!
5. Carlos, it-traffikant tad-drogi
6. Dalma

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers